LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 439.09

REGOLAMENTI DWAR IL-PROTEZZJONI TA' ANNIMALI MIŻMUMA GĦAL RAĠUNIJIET TAL-AGRIKOLTURA

30 ta' Settembru, 2009

L-AVVIŻ LEGALI 266 ta' l-2003, kif emendat bl-Avviżi Legali 426 ta' l-2007 u 187 tal-2022.

Titolu u skop. *Emendat: A.L. 187 tal-2022.*

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura u l-Ispezzjoni ta' Fondi fejn jinżammu Annimali għall-Produzzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal -

(*a*) annimali li jgħixu fis-selvaġġ;

(*b*) annimali intiżi għal użu f'kompetizzjonijiet, wirjiet, avvenimenti jew attivitajiet kulturali jew sportivi;

(*ċ*) annimali għall-esperimentazzjoni jew fil-laboratorju;

(*d*) annimali invertebri.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal regoli veterinarji speċifiċi li jinsabu band'oħra, u b'mod partikolari għad-Direttivi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 1999/74/KE, 2008/119 u 2008/120, li għandhom ikomplu japplikaw.

(4) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja, u biex jimplimentaw ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/723 tat-2 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudell tal-formola standard li għandu jintuża fir-rapporti annwali mressqa mill-Istati Membri.

Tifsir. *Sostitwit: A.L. 187 tal-2022.*

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika t-tifsir li ġej:

"Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali; Kap. 439.

"annimal" tfisser kull annimal (inkluż ħut, rettili jew amfibji), imrobbija jew miżmuma għall-produzzjoni ta' ikel, suf, ġlud jew pil jew għal skopijiet oħra ta' agrikoltura;

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti fit-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'Malta, is-Servizz Veterinarju;

"Direttur" tfisser id-Direttur għas-Servizzi Veterinarji u tinkludi, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, lil kull uffiċjal awtorizzat minnu, bil-miktub, biex jaġixxi f'dak l-isem, għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"għasfur" tfisser għasfur ta' kwalunkwe speċi ta' għasfur inkluż, iżda mhux limitat biss għal, kwalunkwe tip ta' tjur bħal papri, wiżż, tiġieġ u dundjani;

"sid" jew "kustodju" tfisser kull persuna jew persuni naturali jew legali responsabbli, għal jew li jieħdu ħsieb, l-annimali, kemm fuq bażi permanenti u kemm fuq bażi temporanja;

"sieħeb fil-kummerċ" għandu jkollha l-istess tifsira kif provdut fl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u għandha tinkludi l-Istati Membri tal- Unjoni Ewropea;

Kap. 437.

"tmigħ sfurzat ta' għasfur" tfisser proċess li jikkaġuna li għasfur jikkonsuma aktar ikel minn kemm jikkonsuma volontarjament għasfur tipiku tal-istess speċi. Metodi ta' tmigħ sfurzat jinkludu, iżda mhux limitat għal, meta l-ikel jingħata permezz ta' tubu jew apparat ieħor li jkun ġie mdaħħal fl-esofagu tal-għasfur.

Trattament xieraq ta' l-annimali.

3. Fit-teritorju ta' Malta, is-sidien jew kustodji għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli biex jiżguraw it-trattament xieraq dawk ta' l-annimali li jkunu fi ħsiebhom u biex jiżguraw li dawk l-annimali ma jġarrbu ebda uġiegħ, tbatija jew korriment ta' bla bżonn.

Projbizzjoni ta' tmigħ sfurzat ta' għasfur.
Miżjud:
A.L. 187 tal-2022.

3A. (1) L-ebda persuna ma għandha titma' b'mod sfurzat għasfur bil-għan li tkabbar il-fwied tal-għasfur akbar mid-daqs normali.

(2) L-ebda persuna ma għandha tikkaġuna jew tippermetti li persuna oħra titma' b'mod sfurzat għasfur kif imsemmi fis-subregolament (1).

Projbizzjoni tat-trobbija għall-pil.
Miżjud:
A.L. 187 tal-2022.

3B. (1) L-ebda persuna ma għandha żżomm annimali biss jew primarjament:

(*a*) għat-tbiċċir, kemm jekk minnu jew minn ħaddieħor, għall-valur tal-pil tagħhom; jew

(*b*) għat-tnissil ta' frieħ għal tali tbiċċir.

(2) L-ebda persuna ma għandha tikkaġuna jew tippermetti li persuna oħra żżomm annimali kif imsemmi fis-subregolament (1).

(3) Ir-referenzi f'dan ir-regolament għaż-żamma ta' annimali għat-tbiċċir jew għat-tnissil ta' frieħ għat- tbiċċir jinkludu ż-żamma ta' annimali jew it-tnissil ta' frieħ għal bejgħ għat-tbiċċiir rispettivament.

Kondizzjonijiet għat-trobbija u żamma ta' annimali.
Sostitwit:
A.L. 187 tal-2022.

4. Is-Servizz Veterinarju għandu jiżgura li sidien u kustodji qegħdin isegwu l-kundizzjonijiet li taħthom l-annimali (minbarra l-ħut, rettili jew amfibji) jkunu mrobbija jew miżmuma, waqt li jieħu kont tal-ispeċi tagħhom u l-livell ta' żvilupp, adattament u domestiċità tagħhom, u għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tagħhom skont l-

esperjenza stabbilita u t-tagħrif xjentifiku, iħarsu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda.

Applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni ta' l-Annimali miżmuma għal skopijiet ta' agrikoltura.

5. (1) Fit-territorju ta' Malta għandhom jittieħdu l-proposti kollha li jistgħu jkunu meħtieġa għall-applikazzjoni uniformi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni ta' Annimali Miżmuma għal skopijiet ta' Agrikoltura u, fuq il-bażi ta' valutazzjoni xjentifika, kull rakkomandazzjoni magħmula taħt din il-Konvenzjoni u kull regola speċifika adatta oħra.

(2) B'żieda, fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba, b'mod partikolari dwar il-miżuri msemmija fis-subregolament (1) u żviluppi tekniċi u xjentifiċi, għandhom ikunu adottati d-disposizzjonijiet kollha xierqa tal-Komunità Ewropea.

Spezzjonijiet.

6. (1) Fit-territorju ta' Malta, l-ispezzjonijiet isiru mis-Servizz Veterinarju sabiex jivverifikaw konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru fl-istess ħin ta' verifiki għal skopijiet oħra.

(2) Is-Servizz Veterinarju għandu jirrapporta dwar l-ispezzjonijiet meħtieġa taħt is-subregolament (1). Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun informata dwar il-konklużjonijiet ta' dawn ir-rapporti.

(3) Skond regoli tal-Komunità Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 7(2) ta' l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, jistgħu jkunu adottati proposti sabiex jirregolaw - Kap. 439.

(*a*) l-ispezzjonijiet meħtieġa taħt is-subregolament (1);

(*b*) l-għamla, il-kontenut u l-frekwenza tas-sottomissjoni tar-rapporti msemmija fis-subregolament (2).

Preżentazzjoni tar-rapport.
Miżjud: A.L. 187 tal-2022.

6A. (1) Is-Servizz Veterinarju f'Malta għandu jissottometti rapport li jinkludi r-riżultati tal-ispezzjonijiet imwettqa fil-qasam tal-protezzjoni ta' annimali miżmuma għall-produzzjoni. Dan ir-rapport għandu jkun indirizzat lill-isħab fil-kummerċ u lill-Kummissjoni Ewropea.

(2) Skont ma hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 98/58/KE, ir-rapport għandu jkun konformi mal-informazzjoni speċifikata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/723.

(3) Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat kull sena, sal-31 ta' Awwissu.

Ispezzjonijiet fuq il-post minn esperti veterinarji.

7. (1) L-esperti veterinarji mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu, flimkien mas-Servizz Veterinarju, jagħmlu verifiki fuq il-post.

(2) Is-Servizz Veterinarju għandu jipprovdi lill-esperti veterinarji kull għajnuna li jistgħu jeħtieġu fil-qadi ta' dmirijiethom. Speċjalment, l-istess tip ta' aċċess bħal dak mgħoti lill-uffiċjali tal-awtorità kompetenti għandu jkun mgħoti lil persuni involuti, kif ukoll informazzjoni, dokumentazzjoni u aċċess f'postijiet, stabbilimenti, istallazzjonijiet u tipi ta' trasport, biex dawn il-verifiki jkunu jistgħu jitwettqu.

(3) Is-Servizz Veterinarju għandu jieħu kull miżura li tista'

tkun meħtieġa biex jittieħed kont tar-riżultati tal-verifika.

Piena għal min jonqos milli jwettaq xi obbligi. *Emendat: A.L. 426 ta' l-2007; A.L. 187 tal-2022.* Kap. 439.

8. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, min jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux aktar minn tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24).

(2) Mingħajr prejudizju għad-dispozzjonijiet tas-subregolament (1), il-Qorti tista' tordna lil persuna misjuba ħatja li għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti, il-ħlas ta' l-ispejjeż magħmula mis-Servizzi Veterinarji bħala riżultat ta' dak ir-reat, kif ukoll ir-revoka tal-permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti u l-konfiska, żamma u tneħħija tal-*corpus delicti*.

(3) Fejn id-Direttur ikollu raġuni valida biex jemmen li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti u li jkun xieraq li tiġi imposta penali amministrattiva skont l-artikolu 47 tal-Att, id-Direttur għandu jipproċedi skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 47 tal-Att.

Emendat:
A.L. 187 tal-2022.

SKEDA

Ħaddiema

1. L-annimali għandhom jieħdu ħsiebhom għadd biżżejjed ta' ħaddiema li jkollhom il-kapaċità, t-tagħrif u l-kompetenza professjonali xierqa.

Spezzjoni

2. L-annimali kollha miżmuma f'sistemi ta' trobbija li fihom it-trattament xieraq tagħhom jiddependi minn attenzjoni umana frekwenti għandhom ikunu spezzjonati ta' l-anqas darba kuljum. Annimali f'sistemi oħra għandhom ikunu spezzjonati f'intervalli suffiċjenti biex ikun evitat kull tbatija.

3. Għandu jkun disponibbli dawl adegwat (fiss jew li jinġarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew f'kull ħin.

4. Kull annimal li jkun jidher li hu marid jew korrut irid ikun imdewwi sew mingħajr dewmien u, fejn annimal ma jirrispondix għal din il-kura, irid jinkiseb parir veterinarju mill-aktar fis possibbli. Meta meħtieġ, annimali morda jew korruti għandhom ikunu iżolati f'akkomodazzjoni adatta, u fejn meħtieġ, friex komdu u niexef.

Żamma ta' *records*

5. Is-sid jew il-kustodju ta' l-annimali għandu jżomm *record* ta' kull kura medika mogħtija u tal-għadd ta' annimali mejtin misjuba f'kull spezzjoni.

Meta informazzjoni ekwivalenti tkun meħtieġa li tinżamm għal skopijiet oħra, dan għandu wkoll ikun biżżejjed għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti.

6. Dawn ir-*records* għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-anqas tliet snin u għandhom ikunu disponibbli għas-Servizz Veterinarju meta jwettaq spezzjoni jew meta b'xi mod ikun mitlub.

Moviment ħieles

7. Il-moviment ħieles ta' annimal, waqt li jittieħed kont ta' l-ispeċi tiegħu u skond l-esperjenza stabbilita u t-tagħrif xjentifiku, ma jridx ikun ristrett b'mod li jikkawża tbatija jew korriment bla bżonn.

Meta annimal ikun kontinwament jew regolarment marbut jew imsakkar, huwa jrid jingħata l-ispazju xieraq għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tiegħu skond l-esperjenza stabbilita u t-tagħrif xjentifiku.

Bini u akkomodazzjoni

8. Materjali li jintużaw għall-bini ta' akkomodazzjoni, u b'mod partikolari għall-bini ta' mqawel, u tagħmir li miegħu l-annimali jistgħu jiġu f'kuntatt, ma jridux ikunu ta' ħsara għall-annimali u jridu jkunu magħmula b'mod biex jitnaddfu u jkunu disinfettati tajjeb.

9. Akkomodazzjoni u *fittings* għall-għeluq ta' l-annimali għandhom ikunu mibnija u miżmuma b'mod li ma jkunx hemm truf li jaqtgħu jew ponot li għandhom mnejn ikorru lill-annimali.

10. Iċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, il-livelli ta' trab, it-temperatura, l-umdità ta' l-arja relattiva u l-konċentrazzjonijiet tal-gass iridu jinżammu f'limiti li ma jkunux ta'

ħsara għall-annimali.

11. Annimali miżmuma f'bini ma jridux jinżammu fi dlam permanenti jew mingħajr perjodu xieraq ta' mistrieħ minn dawl artifiċjali. Fejn id-dawl naturali disponibbli ma jkunx biżżejjed biex jilħaq il-bżonnijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi ta' l-annimali, irid ikun provdut dawl artifiċjali xieraq.

Annimali mhux miżmuma f'bini

12. Annimali mhux miżmuma f'bini għandhom, fejn meħtieġ u possibbli, jingħataw protezzjoni minn kondizzjonijiet ħżiena tat-temp, predaturi u riskji għal saħħithom.

Tagħmir awtomatiku jew mekkaniku

13. It-tagħmir kollu awtomatiku jew mekkaniku essenzjali għas-saħħa u l-ġid ta' l-annimali irid ikun spezzjonat ta' l-anqas darba kuljum. Fejn jinstabu difetti, dawn iridu jkunu rranġati immedjatament jew jekk dan ma jkunx possibbli, iridu jittieħdu l-passi xierqa biex titħares is-saħħa u l-ġid ta' l-annimali.

Fejn is-saħħa u l-ġid ta' l-annimali jiddependu minn sistema ta' ventilazzjoni artifiċjali, trid issir disposizzjoni għal sistema ta' emerġenza xierqa biex tiżgura tiġdid suffiċjenti ta' l-arja biex tippreserva s-saħħa u l-ġid ta' l-annimali f'każ li tfalli s-sistema, u trid tkun provduta sistema ta' allarm biex tagħti twissija ta' ħsara. Is-sistema ta' allarm trid tkun ittestjata regolarment.

Ikel, ilma u sustanzi oħra

14. L-annimali jridu jkunu mitmugħa dieta sustanzjuża li tkun xierqa għall-età u l-ispeċi tagħhom u li tingħatalhom fi kwantità biżżejjed biex iżżommhom f'saħħithom u tissodisfa l-bżonnijiet nutrittivi tagħhom. L-ebda annimal m'għandu jkun provdut b'ikel jew b'xorb u l-anqas ma għandu l-ikel jew ix-xorb ikun fiħ xi sustanza, li b'xi mod tista' tikkawżalu tbatija jew korriment bla bżonn.

15. L-annimali kollha jrid ikollhom aċċess għall-ikel f'intervalli xierqa għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom.

16. L-annimali kollha jrid ikollhom aċċess għal provvista xierqa ta' ilma jew li tkun kapaċi tissodisfa l-bżonnjiet ta' xorb tagħhom permezz ta' mezzi oħra.

17. It-tagħmir ta' l-għalf u t-tisqija jrid ikun diżinjat, mibni u mqiegħed sabiex titnaqqas il-kontaminazzjoni ta' l-ikel u l-ilma, u biex l-effetti dannużi ta' kompetizzjoni bejn l-annimali jkunu minimizzati.

18. L-ebda sustanza oħra, bl-eċċezzjoni ta' dawk mogħtija għal skopijiet terapewtiċi jew profilattiċi jew għall-iskopijiet ta' trattament żootekniku kif definit fl-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 96/22K/C, ma jridu jkunu amministrati lill-annimali sakemm ma jintweriex, permezz ta' studji xjentifiċi ta' trattament xieraq ta' l-annimali jew esperjenza stabbilita, li l-effett ta' dik is-sustanza mhix ta' ħsara għas-saħħa jew għall-ġid ta' l-annimal.

Mutilazzjonijiet

19. Sakemm ikunu adottati d-dispożizzjonijet speċifiċi dwar mutilazzjonijiet skont il-proċedura stabbilita fl-artikolu 7 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2008/120/KEE, mutilazzjonijiet għal raġunijiet mhux terapewtiċi huma projbiti fuq annimali mrobbija fit-teritorju ta' Malta.

Proċeduri ta' tgħammir

20. Ma għandu jsir ebda tgħammir naturali jew artifiċjali jew proċeduri ta'

tgħammir li jikkawżaw jew għandhom mnejn jikkawżaw xi tbatija jew korriment fuq l-annimal involut.

Din id-disposizzjoni ma għandhiex twaqqaf mill-użu ta' ċerti proċeduri li għandhom mnejn jikkawżaw tbatija jew korrimenti minimi jew momentarji, jew li jistgħu jinħtieġu interventi li ma jikkawżawx korrimenti permanenti, fejn dawn huma permessi minn disposizzjonijiet nazzjonali.

21. L-ebda annimal ma għandu jinżamm għal skopijiet ta' agrikoltura sakemm ma jkunx raġonevolment mistenni, fuq il-bażi tal-ġenotip jew fenotip tiegħu, li jista' jinżamm mingħajr effett ħażin fuq is-saħħa jew il-benesseri tiegħu.